MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-18 ta' Jannar, 2012

Appell Civili - Ghawdex Numru. 35/2010/1

**Christopher Buttigieg**

**vs**

**Brian Zammit**

**Il-Qorti,**

## I.    PRELIMINARI.

Rat li fil-11 ta’ Lulju 2011, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar (Ghawdex) ippronunzat s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

*It-Tribunal,*

*Ra l-avviz tat-talba pprezentat fit-13 ta’ Awwissu 2010, li jaqra hekk :-*

*‘Illi l-konvenut ghandu jhallas lill-attur is-somma ta’ seba’ mitt Ewro (€700) dovuti ghall-hlas ta’ paga dovuta ghal xoghol ta’ full time chef fir-restaurant tal-konvenut, kif ukoll il-bonus ta’ sena fl-ammont ta’ hames mitt Ewro (€500), kif ukoll sehemu mit-tips skont il-ftehim milhuq bejn il-partijiet ta’ cirka elf u erbgha mitt Ewro (€1,400) – total ta’ elfejn u sitt mitt Ewro (€2,600) ;*

*Illi huma dovuti mill-konvenut ukoll l-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv dekorribbli mid-data tad-dovut pagament, u cioe’ minn Marzu 2010, kif ukoll l-ispejjez ta’ l-ittra ufficjali tas-27 ta’ Lulju 2010 ;*

*Il-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.’ ;*

*Il-konvenut permezz tar-risposta tieghu pprezentata fl-1 ta’ Settembru 2010, eccepixxa :-*

*‘Illi t-talbiet tal-konvenut huma infondati fid-dritt u fil-fatt fil-konfront tal-attur, ghaliex l-ammont pretiz mill-attur huwa wiehed gonfjat u esagerat ;*

*L-esponenti jaqbel illi l-attur kien impjegat mieghu, izda l-kondizzjonijiet tal-impjieg tieghu kienu kif elenkati fil-kontro-talba tal-esponenti. Effettivament l-esponenti mhux biss hallas dak kollu dovut lill-attur, izda sahansitra wettaq pagamenti indebiti ta’ liema huwa qieghed issa jitlob ir-rifuzjoni ;*

*Illi huwa ma ghandu jhallas xejn in linea ta’ tips kuntrarjament ghal dak li qed jallega l-attur ghaliex kwalsiasi’ ammont ta’ tips dovut in effett gia’ thallas – wara li tnaqqsu l-breakages – fit-termini tal-ftehim bejn il-partijiet ;*

*Ghaldaqstant l-ispejjez ta’ dan l-avviz ghandhom jigu akkollati interament lill-attur ;*

*Salvi eccezzjonijiet ohra.*

*Bl-ispejjez.’ ;*

*Il-konvenut fir-risposta tieghu ghamel ukoll kontro-talba fejn iddikjara u talab dan li gej :-*

*'Peress illi l-attur kien impjegat mal-konvenut u kien jithallas bil-paga minima nazzjonali – cjoe' tliet euro u sitta u sittin centezmu (€3.66c) fis-siegha matul is-sena 2009; illi imbaghad zdiedet ghal tliet euro u tmenin centezmu (€3.80c) fis-siegha matul is-sena 2010, flimkien ma' allowance addizzjonali ta' zewg euro u wiehed u sittin centezmu (€2.61c) kull siegha xoghol illi jaghmel. Naturalment meta kien jaghmel xoghol overtime, ir-rata tal-paga bazika tieghu kienet tizdied b'hamsin fil-mija (50%) ;*

*Peress illi l-intimat kien ihallas lill-attur ammont komplessiv ta' elf mitejn u hamsin euro (€1,250) kull xahar kalendarju akkont tal-ammont dovut lilu bhala paga, allowances, bonus, u leave entitlement ;*

*U peress illi meta l-attur iddecieda illi jitlaq mix-xoghol tieghu mal-intimat, u l-intimat ikkalkola l-ammonti precizament dovuti lill-attur u rrizulta illi l-attur kien thallas is-somma ta' disa' mija u sitta u hamsin euro u wiehed u tmenin centezmu (€956.81) indebitament ;*

*U peress illi l-konvenut irid illi dan l-ammont jithallas lura mill-attur ;*

*Ghid inti attur ghaliex ma ghandux dan it-Tribunal jiddikjara illi inti ghandek thallas lura lill-konvenut is-somma ta' €956.81c dovuta kif fuq inghad, u jikkundannak thallas din is-somma lura bl-imghax b'effett mill-1 ta' Awwissu 2010, sad-data tal-pagament effettiv ;*

*Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali ta' Awwissu 2010 kontra tieghek, u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni.' ;*

*Illi l-attur permezz tar-risposta tieghu pprezentata fis-17 ta' Settembru 2010, ecepixxa ghal din il-kontro-talba tal-konvenut dan li gej :-*

*'Illi l-kontro-talba hija kompletament infondata fil-fatt u fid-dritt u fl-ekwita', u ghalhekk ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-konvenut rikonvenjent ;*

*Illi dak dikjarat ma jirriflettix il-ftehim dwar l-impjieg ta' l-attur u huwa l-konvenut li ghandu jhallas lill-istess attur, u mhux vice-versa – dan skont l-avviz promotur, u wkoll kif ser jirrizulta matul it-trattazzjoni tal-kawza ;*

*Bl-ispejjez kontra l-konvenut.' ;*

*Sama' l-provi tal-partijiet ;*

*Ra l-atti u d-dokumenti kollha ;*

*Ra li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza ;*

*Ikkunsidra :*

*Din hi kawza ta' reklam semplici ta' hlas ta' kreditu ghal servizzi prestati. Fiha l-attur jippretendi li ghad baqalu jircievi bilanc f'paga, hlas ta' bonuses, u sehem mit-tips kemm dam jahdem bhala full-time chef fil-kcina tar-restaurant tal-konvenut maghruf bl-isem ta' 'Latini' fi Triq Il-Port, Marsalforn, Ghawdex. Dan tal-ahhar fil-fatt jaccetta li l-attur kien impjegat mieghu biex jaghmel xoghol fil-kcina tar-restaurant tieghu, izda ma jaccettax li baqghalu jaghtih ebda flus ghas-servizzi li gew minnu prestati, anzi' qed jipproponi kontro-talba fil-konfront tal-attur il-ghaliex jippretendi li lill-attur hallsu ammont zejjed ta' flus f'pagi, u qed jitlob rimborz tal-hlas li sar indebitament ;*

*Il-prova tal-pagament u/jew ta' l-eccessivita' tal-kreditu reklamat certament jinkombu fuq il-konvenut. Naturalment l-attur li jallega d-debitu ghandu fl-ewwel lok u dejjem l-obbligu li jipprova l-kreditu minnu vantat. Inkella fin-nuqqas li jaghmel dan, jibqa' jimpera l-principju actor non probante, reus absolvitur ;*

*Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-partijiet jaghtu versjonijiet ghal kollox differenti tal-kundizzjonijiet li tahthom l-attur kien gie ngaggat fl-impjieg mal-konvenut. M'hemmx*

*kontestazzjoni meta l-attur beda jahdem u meta waqaf. L-attur beda jahdem tal-fiss fit-12 ta' April 2009, u dam sas-6 ta' Marzu 2010, meta ta l-avviz tat-temm tal-impjieg tieghu lill-konvenut. L-attur qed jallega li huwa kellu ftehim mal-konvenut li jahdem bhala chef fil-kcina tar-restaurant tal-konvenut bil-paga ta' elf tliet mija u hamsin Euro (€1,350) fix-xahar. Kuntratt tax-xoghol bil-miktub mal-konvenut ma kienx sar. Skont l-attur b'din il-paga mensili ta' €1,350 huwa kellu jahdem hamest ijiem fil-gimgha, liema granet kellu jaghzilhom il-konvenut, liema hlas kien oltre l-hlas tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurta' nazzjonali li skont l-attur kellu jhallasha kollha l-konvenut, u ma kenitx tinkludi l-hlas tal-bonuses ta' Gunju u Dicembru u l-allowances ta' Marzu u Settembru. Minkejja li skont l-attur huwa kellu dan il-ftehim, hu stess jikkonferma li minghand il-konvenut huwa qatt ma rcieva aktar minn elf mitejn u hamsin Euro (€1,250) fix-xahar inkluz bil-bonuses u l-allowances, u baqa' jircievi l-istess ammont fix-xahar, xahar wara xahar u l-ahhar paga li kien ircieva minghand il-konvenut kienet dik ta' Frar 2010, u dan jimplika certu akkwiexxenza da parti tal-attur li kien accetta dan id-dhul mensilment. Minn naha l-ohra l-konvenut ma jaqbilx ma' din il-verzjoni tal-attur u jispjega li hu kien wieghedu li jaghtih il-paga ta' elf tliet mija u hamsin Euro (€1,350) jekk kien lest li jahdem sitt ijiem fil-gimgha filghodu u filghaxija u mhux hamest ijiem fil-gimgha specjalment fix-xhur tas-sajf. Billi l-attur kellu l-lezzjonijiet tal-karate' nhar ta' Tnejn u nhar ta' Hamsin filghaxija, huwa kien jahdem hamest ijiem fil-gimgha filghodu u filghaxija fix-xhur tas-sajf ghalkemm mhux kontestat li kien hemm xi gimghat fis-sajf li l-attur hadem sitt ijiem flok hamsa fil-gimgha. Skont il-konvenut il-ftehim mieghu kien li jaghtih il-paga ta' elf mitejn u hamsin Euro (€1,250) fix-xahar, u s-sieghat zejda li jahdem fix-xhur tas-sajf jitpattew ghas-sieghat nieqsa minn erbghin siegha fil-gimgha li kien jahdem fix-xhur tax-xitwa, u cioe' Frar, Marzu, u April, Novembru, u Dicembru ;*

*Illi meta l-gudikant ghandu quddiemu tali versjonijiet kompletament divergenti ghal xulxin huwa ghandu jara liema minn dawk l-istess versjonijiet jinsabu korroborati b'xhieda jew dokumenti relattivi u wkoll liema wahda minn*

*tali versjonijiet hija l-aktar verosimili. Illi dan ma jfissirx li kull parti li qed tallega ma jibqaliex l-oneru li tipprova l-allegazzjonijiet taghha minnha vantanti u skont il-ligi, izda tali forma ta' korroborazzjoni u verosomiljanza jikkumplimentaw tali regoli ta' oneru tal-prova tant li jista' jinghad li dik il-versjoni li tigi kkunsidrata bhala verosimili u ikkorroborata tkun issodisfat l-oneru tal-provi taghha, u ghalhekk tali regoli ta' prova u xhieda huma konsistenti u komplimentari ghal xulxin. Illi dwar il-verosimiljanza qed jigi wkoll konfermat dak li gie ritenut fil-gurisprudenza nostrali li l-verosimiljanza hija wkoll forma ta' korroborazzjoni ;*

*Fejn imbaghad l-assjem tal-provi hu tali li l-versjonijiet tal-kontendenti huma hekk bilancjati li kull wahda tista' tirrizulta plawsibbli u veritjera u ma tirrizultax dik ic-cirkostanza determinanti li tissoda l-konvinciment tat-Tribunal favur tezi u mhux l-ohra, ma jibqax lecitu ghall-gudikant li jifforma opinjoni motivata fuq preponderanza ta' probabilitajiet. Jehtieglu jasal biss ghall-konkluzjoni li l-attur ma jkunx sodisfacentement u konkludentement ipprova t-talbiet tieghu. (ara Prim'Awla, **Joseph Vincent Rausi vs Joseph Muscat**, 5/10/92) ;*

*Minkejja li skont l-attur, il-konvenut kien tah bicca karta li biha kien urih li kien ser jaghtih paga fix-xahar ta' elf tliet mija u hamsin Euro (€1,350), din il-karta baqa' ma esebihiex l-ghaliex ma setghax isib x'kien ghamel biha. L-attur lanqas ma pproduca l-karti li l-konvenut kien jaghtih kull xahar li kien ikun fihom l-granet u bin-numru ta' sieghat li kien ikun hadem u rendikont tal-paga li jkun ircieva ghaliex skont hu dawn kien tahom lura lill-konvenut. Minn naha l-ohra l-payslips markati dokumenti BZ12 sa BZ23 dan it-Tribunal mhuwa konvint xejn mill-awtenticita' taghhom u ma jixthu ebda dawl dwar il-ftehim li kellhom bejniethom il-partijiet. Bizzejjed wiehed iqis id-diskrepanzi lampanti bejn id-dokument BZ1 a fol.68 mad-dokument BZ20 a fol.54 li jirreferu ghall-istess xahar ta' Dicembru 2009. Il-konvenut stess jistqarr li dawk il-payslips minn fol.46 sa 57 saru mill-accountant tieghu wara li kienet saritlu nterpellazzjoni mill-attur ghall-hlas. Lanqas mhuwa verosimili dak li ddikjara l-konvenut fil-*

*kontro-talba li l-attur kien impjegat mieghu bil-paga minima nazzjonali, u li beda jahdem b'paga inqas milli kellu mal-Oleander restaurant. Il-konvenut lanqas mhuwa konsistenti f'dak li qed jitlob billi fl-ittra ufficjali numru 437/2010, huwa kien qed jitlob il-hlas ta' €687.60 u mhux kif qed jitlob fil-kontro-talba ta' €956.81 ;*

*Dan it-Tribunal fela bir-reqqa l-provi kollha li ressqu l-partijiet u partikolarment ukoll ix-xhieda ta' George Bonello, u huwa moralment konvint li l-ftehim bejn il-partijiet ferm probabbli li kien li l-attur jithallas il-paga ta' elf mitejn u hamsin Euro (€1,250) fix-xahar bil-bonuses u l-allowances kienu nkluzi. Jirrizulta ghalhekk li l-attur baqghalu jithallas ta' sitt ijiem tax-xahar ta' Marzu 2010, billi l-ahhar paga li kien ircieva minghand il-konvenut kienet dik ta' Frar 2010, u skont id-dokument BZ23 esibita mill-konvenut stess, il-paga dovuta ghal Marzu 2010, hija ta' tliet mija u disa' u ghoxrin Euro u hamsa u erbghin centezmi (€329.45) ;*

*Dwar il-hlas tat-tips jirrizulta li l-ahhar xahar li fih l-attur kien ircieva t-tips kien ghal dak ta' Awwissu 2009, billi meta mar f'Ottubru 2009 biex jigbor il-paga ta' Settembru 2010, l-attur kien sab li ma kien tah ebda tips mal-paga. Minkejja li l-konvenut ipprova jiggustifika ruhhu li huwa ma tahx aktar tips biex jaghmel tajjeb ghal xi breakages, huwa baqa' ma ta ebda spjegazzjoni u ma gab ebda prova ta' x'kienu dawn il-breakages u kemm gew jiswewlu biex xtara ohrajn godda. L-attur xehed li fix-xhur tas-sajf huwa kien ircieva minghand il-konvenut bejn disghin Euro (€90) u mitt Euro (€100) fix-xahar, liema dikjarazzjoni ma giex kontradetta mill-konvenut. L-attur qed jippretendi l-hlas tat-tips ghax-xhur ta' Settembru, Ottubru, Novembru, Dicembru, 2009, u Frar 2010 billi f'Jannar 2010, ir-restaurant kien maghluq. Inghad li 'ma jistax ikun dubitat illi hu rikonoxxut lill-gudikant anke' fis-sistema tal-ligi taghna l-poter diskrezzjonali li jillikwida t-telf u l-qligh bl-adoperu tal-kriterju sussidjarju tal-valutazzjoni ekwitattiva fejn il-provi fir-rigward tal-valutazzjoni tal-ammont tal-kumpens ma humiex tant lineari jew ben stabbiliti jew f'kaz ta' nuqqas ta' mezzi probatorji [Prim'Awla,* ***Charles Attard vs Carmela Frendo et****, 31/01/2003 ; Prim'Awla,*

***Margaret Camilleri et vs Cargo Handling Co. Ltd.**, 13/10/2004]. Ara a propozitu decizjoni a **Vol. XXXV P III p 615** fejn gie proprju rikonoxxut, fuq l-istregwa ta' dak espress mill-Qorti Taljana ta' Kassazzjoni, illi vi hanno casi in cui, non potendosi avere mezzi istruttori, e` rimesso al magistrato il valutare 'ex aequo et bono' secondo i dettami della sua ragione e coscienza, l'ammontare del danno al risarcimento del quale taluno fu condannato'. Wara li qies ic-cirkostanzi kollha, dan it-Tribunal qed jiffissa arbitrio boni viri lill-attur is-somma ta' erbgha mija u hamsin Euro (€450) fi hlas ta' tips ghax-xhur imsemmija li l-konvenut kien miftiehem li jaghti lill-attur ;*

*Ghaldaqstant ghall-motivi premessi dan it-Tribunal qed jaqta' u jiddeciedi l-kawza billi filwaqt li jilqa' t-talba tal-attur limitatament ghas-somma ta' seba' mija u disgha u sebghin Euro u hamsa u erbghin centezmi (€779.45), jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur dan il-pagament, bl-imghaxijiet fuq din is-somma ghandhom jibdew jiddekorru b'effett mis-7 ta' Marzu 2010, sal-effettiv pagament. L-ispejjez konnessi mat-talba ghandhom jigu sopportati in kwantu ghal zewg terzi (2/3) mill-attur u terz (1/3) mill-konvenut. A rigward il-kontro-talba tal-konvenut billi din ma tirrizultax soddisfacentement, dan it-Tribual qed jichad l-istess, bl-ispejjez kontra l-konvenut.*

Rat ir-rikors tal-appell ta' l-appellant Brian Zammit fejn filwaqt li ghamel referenza ghall-provi diga' prodotti u rrizerva li jipproduci provi ulterjuri skont il-ligi, talab li minhabba l-aggravji hemm premessi il-Qorti ghandha tirriforma s-sentenza moghtija mit-Tribunal dwar Talbiet Zghar fil-11 ta' Lulju 2011 fil-kawza fl-ismijiet premessi billi minflok (1) tichad it-talbiet attrici fl-intier taghhom bl-ispejjez kollha kontra l-attur appellat; u (2) tilqa' l-kontro talba tal-esponenti fl-intier taghha bl-ispejjez ukoll ikunu a karigu tal-attur appellat.

Rat ir-risposta tal-appell tal-appellat Christopher Buttigieg li biha sostna li l-appell interpost mill-konvenut ghandu jigi michud u b'hekk tigi ikkonfermata s-sentenza appellata moghtija mit-Tribunal dwar Talbiet Zghar fil-11 ta' Lulju

2011 fl-intier taghha bl-ispejjez kontra l-konvenut appellant.

Rat li dan l-appell gie appuntat ghas-smigh ghall-Erbgha, 19 ta’ Ottubru 2011 fejn d-difensuri tal-partijiet trattaw il-kaz u l-appell gie differit ghas-sentenza ghat-18 ta’ Jannar 2012.

Rat l-atti kollha relattivi.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi l-aggravju tal-appellanti huwa li t-Tribunal ghamel apprezzament hazin tal-provi ghaliex l-verzjoni tal-appellat ma’ kienetx ippruvata u lanqas hija verosimili, mentri l-appellat ipprova l-allegazzjonijiet tieghu kemm dwar il-paga li attwalment kienet tithallas lill-appellat u kemm dwar it-tips li kien jircievi l-appellat u meta jsiru l-kunteggi jirrizulta li fil-fatt huwa l-appellat li ghandu jhallas lura l-flus li ircieva zejjed minghand l-konvenut appellant.

Illi minn dan jirrizulta li l-appell ta’ l-appellant huwa msejjes ssostanzjament fuq l-allegazzjoni li sar apprezzament hazin tal-fatti mit-Tribunal Ghal Talbiet Zghar. Ghalhekk din il-Qorti qeghda tintalab tqanqal l-apprezzament tal-fatti li sar mill-istess Tribunal. F’dan ir-rigward, issir riferenza ghas-sentenzi **“Angelo Bilocca vs Joseph Mary Cardona”** (A.I.C. (RCP) – 11 ta’ Ottubru 2011); **“Carmel Zammit et vs Anthony Lia”** (A.I.C. (RCP) – 29 ta’ Ottubru 2009) u **“Noel Cutajar vs Graziella Zahra”** (A.I.C. (RCP) – 11 ta’ Ottubru 2011) fejn inghad li sabiex din il-Qorti bhala Qorti ta’ revizjoni tvarja jew thassar il-konkluzjoni tal-Ewwel Qorti jew Tribunal, din ta’ l-ewwel trid tkun sodisfatta illi d-diskrezzjoni ta’ l-Ewwel Qorti jew Tribunal giet ezercitata manifestament hazin. F’dan is-sens, hija s-sentenza fl-ismijiet **“Dr. Adrian's Garden Centre Co. Limited vs AX Construction Limited”** (A.C. - 4 ta’ Lulju 2008) fejn il- Qorti rriteniet illi:-

*“Il-Qorti tal-Appell, bhala qorti ta' revizjoni, ma tindahalx in linea ta' massima, fl-ezercizzju tad-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti hlief meta jkun manifestament ezercitat hazin, jew*

*ghal xi motiv iehor gravi u f'materja ta' rilevanza jew superfluwita` ta' xhieda, Qorti tat-tieni grad bhala regola ma tiddisturbax ir-regolament tal-ewwel tribunal, jekk mhux ghal motivi gravi".*

Illi fil-fatt fil-kawza fl-ismijiet **"Phyliss Ebejer et vs Joseph Aquilina"** (A.C. – 10 ta' Jannar 1995 – Vol. LXXIX.i.248) inghad li l-Qorti tal-Appell tiddisturba id-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti f''kazijiet eccezzjonali meta si tratta ta' valutazzjoni ta' fatti. Jinghad li tal-istess portata huma d-decizjonijiet **"Ruth Spiteri vs. Emmanuel Vella"** (A.I.C. – 5 ta' Marzu 2003) u **"Hilda Debrincrat vs Mario Farrugia** (A.I.C. (Ghawdex) – 14 ta' Lulju 2004); u **"Joseph Grech Sant vs L-Avukat Dottor Riccardo Farrugia et nomine"** (A.C. – 28 ta' Frar 1997); u **"Hans Jocham Link et vs Raymond Mercieca"** (A.I.C. – 12 ta' Jannar 2001).

Illi fis-sentenza **"SMS Insurance Agency Limited nomine vs Air Malta Co. Limited et"** (A.I.C. (RCP) – 28 ta' Mejju 2009) inghad ukoll li:-
"*gie kostantament ritenut illi l-apprezzament tal-fatti mill-Qorti ta' l-ewwel grad ma ghandux normalment jigi ddisturbat minn Qorti ta' kompetenza superjuri u ghandu jsir biss f'dawk il-kazijiet fejn ic-cirkostanzi jkunu tali illi jikkonvincu lill-Qorti ta' revizjoni illi l-apprezzament ta' l-Ewwel Qorti kien tant zbaljat illi altrimenti tkun ser tigi krejata ingustizzja. Dan ghaliex huwa car li l-Ewwel Qorti kellha l-opportunita` li tisma' x-xhieda viva voce u kienet f'qaghda ferm aktar favorevoli biex tifforma opinjoni obbjettivament korretta tal-kredibilita` o meno taghhom. Vantagg li l-Qorti ta' l-Appell generalment m'ghandhiex. (ara **"Elena Magri et vs Rosaria sive Rosa Borg"** (A.C. – 10 ta' Frar 1961); **"Brigitte Vella pro et noe vs Richard Vella"** (A.C. - 5 ta' Ottubru 2001); **"Carmelo Agius vs John Agius"** (A.C. (Inferjuri) – 2 ta' Dicembru 1994); **"Ruth Spiteri vs Emanuel Vella noe"** (A.I. C. – 5 ta' Marzu 2003) u recentement **"Dr. Adrian's Garden Centre Co. Limited vs A.X. Construction Limited"** (A.C. – 4 ta' Lulju, 2008))".*

Illi fil-fatt fis-sentenza **"Brigitte Vella pro et noe vs Richard Vella"** (A.C. - 5 ta' Ottubru 2001) gie kkonfermat li:-

*"Mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita' li minhabba fih ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u ikollha taqa' fuq ir-regola "in dubio pro reo". Il-konflitt tal-provi, sakemm il-bniedem jibqa' soggett ghall-izbalji tal-percezzjoni tieghu u ghall passjoni, huwa haga li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti ghaliha, imma meta dan il-kunflitt ma jkunx gej minn semplici differenza ta' opinjoni fuq affarijiet li jippermettu certu grad ta' tolleranza u li ghalihom sewwa inghad "tot homines tot sententiae", u lanqas ma jkun gej minn versjonijiet differenti "bona fide" fuq incidenti li jigru u jintemmu malajr u ghalarieda e.g. identita', velocita' ta' veikoli, u cirkostanzi ohra subitanei li fuqhom skond l-esperjenza komuni, s-sensi jistghu jitqarqu, imma ghall kuntrarju dan dan il-konflitt jkun jirrigwarda fatti u abitudinijiet li jkunu setghu gew osservati f'perjodu twil ta' snin bhal f'dan il-kaz, allura isir car li wiehed mill-kontendenti jkun halla l-interess u l-passjoni tieghu jeghlbuh u b'hekk jabbuza mill-process gustizzja. Meta l-kaz ikun hekk il-Qorti m'ghandhiex taqa' comb fuq l-iskappotoja tad-dubju, imma ghandha tezimina bl-ikbar reqqa jekk xi wahda mill-versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji ta' kredibilita' u specjalment dawk tal-konsistenza u versosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke jekk fuq bilanc tal-probabilita' u preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall konvinciment tal-gudikant".*

Illi din il-kawza tistrieh biss fuq il-kredibilita' tax-xhieda u wkoll fuq jekk is-socjeta' attrici ppruvatx l-allegazzjonijiet taghha fil-grad rikjest mill-ligi, u allura wkoll fuq l-apprezzament li t-Tribunal ghamel fuq id-depozizzjonijiet tal-kontendenti u x-xhieda minnhom prodotti u d-dokumenti prodotti in sostenn tat-talba attrici.

Illi dwar il-provi li ghandu jressaq l-attur din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **"Joseph Tonna**

**vs Philip Azzopardi"** (A.I.C. (PS) 12 t'April, 2007) fejn inghad illi:-

*"In materja ta' provi, r-regoli l-aktar prevalenti flordinament guridiku taghna jidhru li huma dawn:*

*a) Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova tal-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), sija fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta l-pretiza ta' l-attur (reus in excipiendo fit actor) – Ara Vol. XLVI/i/5.*

*b) Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista' joxxilla minn parti ghall-ohra, ghax, kif jinghad, 'jista jkun gie stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi tal-attur hija sostenuta' – Ara Vol. XXXVII/i/577;*

*c) Il-gudikant adit mill-meritu tal-kaz hu tenut jiddeciedi iuxta allegata et probata, u dan jimporta illi d-decizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jigifieri, minn dawk ic-cirkustanzi tal-fatti dedotti ghab-bazi tad-domanda jew tal-eccezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piz tal-provi ssir bazi tar-regola legali tal-gudizzju in kwantu timponi fuq il-gudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru ghax mhux ippruvat;*

*d) Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-principju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjonali tal-apprezzament tar-rizultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaza l-konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu. Naturalment dik id-diskrezzjoni tieghu hi soggetta ghal dak il-limitu legali impost fuqu mill-artikolu 218 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili li jrid li fis-sentenza tinghata motivazzjoni ragonata li tikkonsenti l-kontroll tal-hsieb logiku segwit fuq appell interpost mis-sentenza. Motivazzjoni din, li jekk jinstab li tirrispondi mal-logika u r-*

*razzjonalita', kif ukoll koerenti mal-elementi utilizzati allura skont gurisprudenza konkordi, ma tigix disturbata minn Qorti ta' revizjoni – Ara b'ezempju* ***Ramchand Kilumal noe vs Jessie Blanco*** *– App. 30 ta' Gunju, 1912 (Vol. XXIV/i/104)".*

Illi tenut kont ta' dan kollu, u wara li ezaminat l-atti kollha processwali din il-Qorti thoss li l-apprezzament li sar mit-Tribunal Ghal Talbiet Zghar (Tribunal), kien wiehed li sar skond id-diskrezzjoni moghtija lilu bhala organu gudizzjarju li sema' il-provi, u fil-fatt jirrizulta li l-istess Tribunal mexa sew fuq ir-regoli ta' provi hawn citati u indikati fil-kawza "**Maria Xuereb et vs Clement Gauci et**" (A.I.C. (P.S.) 24 ta' Marzu 2004) fis-sens li:-

*"Huwa pacifiku f'materja ta' konflitt ta' verzjonijiet illi l-Qorti kellha tkun gwidata minn zewg principji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha:*

*Li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista' tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra; u*

*Fin-nuqqas, li tigi applikata l-massima "actore non probante reus absolvitur.*

*Fi kliem iehor il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibbilta" u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabbiltajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant.".*

Illi kif gie dikjarat fis-sentenza **"George Bugeja vs Joseph Meilak"** moghtija mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Ottubru 2003:-

"*Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-*

*hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabbiltajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma.dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabbiltajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli".*

Illi mid-decizjoni tat-Tribunal jirrizulta li iddecieda li l-attur kien jahdem bhala chef mal-konvenut bejn it-12 ta' April 2009 sas-6 ta' Marzu 2010 bil-paga ta' €1,250 fix-xahar u kien baqghalu jithallas ta' sitt ijiem tax-xahar ta' Marzu 2010 fl-ammont ta' €329.50 u gie moghti wkoll is-somma ta' €450 ta' hames xhur bhala tips, l-ahhar ammont iffissat *arbitrio boni viri* u allura l-konvenut appellant gie kkundannat ihallas l-ammont ta' €779.45 bl-imghaxijiet mis-7 ta' Marzu 2010 sal-effett pagament.

Illi l-appell huwa bbazat fuq l-allegazzjoni li t-Tribunal ghamel apprezzament hazin tal-provi l-iktar dawk esebiti bhala Dok. "BZ 1" u Dok. "BZ 40" u dan ghaliex l-ammont hemm kienu indikati zbaljatament u l-appellant qed jghid li ta spjegazzjoni ta' dan; sostna li ma kienx hemm paga fissa izda skond is-sieghat li kienu jinhadmu, u hallas ammont fiss biss ghall-ispeditezza, u fl-ahhar tas-sena kellhom isiru l-kunteggi u jghid li l-verzjoni tieghu hija versosimili; dwar it-tips jghid li l-appellat naqas li jipprova l-allegazzjonijiet tieghu, u wkoll li l-ammont iffissat boni viri kellhu jkun anqas ghaliex ikun hemm aktar xoghol fis-sajf milli fix-xitwa.

Illi dwar il-paga din il-Qorti thoss li t-Tribunal, specjament abbazi tax-xhieda ta' George Bonello, kien qed jezercita d-diskrezzjoni tieghu dwar apprezzament ta' provi sew u ghalhekk iddecieda fil-limiti tal-provi quddiemu u l-paramatri tal-istess gew osservati, tant li l-Qorti thoss li dak li qal l-istess Tribunal huwa bbazat fuq il-provi prodotti u minn ezami tal-istess din il-Qorti thoss li kien lecitu ghat-Tribunal li wasal ghall- konsiderazzjonijiet u konkluzzjonijiet li wasal ghalihom; anzi l-apprezzament ta'

provi sar sew u l-Qorti ma thossx li ghandha tiddisturba din id-decizjoni fuq dan il-punt.

Illi dwar t-tips jidher li t-Tribunal mexa *arbitro boni viri* sabiex stabilixxa l-ammont tal-istess u dan certament fih certu ammont ta' diskrezzjoni ezercitata minnu u dwar dan din il-Qorti thoss, li bil-mod kif zviluppaw il-provi, u in vista' ta' dak li gia inghad f'din is-sentenza, din il-Qorti ma ghandhiex tbiddel dak li gie deciz dwar l-istess, u dan ghaliex anke hawn l-apprezzament ta' provi mit-Tribunal sar ukoll sew u l-istess seta' jasal ghalihom mill-atti processwali disponibbli ghalih. B'hekk l-appell tal-appellant qed jigi michud.

**III. KONKLUZJONI**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi** billi filwaqt li tilqa' r-risposta tal-appellat datata 5 ta' Awwissu 2011 biss in kwantu l-istess hija konsistenti ma' dak hawn deciz, **tichad l-appell interpost mill-appellant bir-rikors tal-appell datat 14 ta' Lulju 2011 peress li huwa infondat fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi, u ghalhekk tikkonferma id-decizjoni tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar (Ghawdex) datata 11 ta' Lulju 2010 fl-ismijiet premessi "Christopher Buttigieg vs Brian Zammit " (Avviz Numru 35/2010) ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.**

**Bl-ispejjez kontra l-appellant Brian Zammit**.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------